MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 2402/2002

**Direttur tad-Dipartiment tal-Manifattura u Servizzi**

**Vs**

**Saviour Scerri**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-attur talab is-somma ta' Lm210.13c (mitejn u ghaxar liri Maltin u tlettax il-centezmu) rappresentanti danni sofferti mill-Gvern ta' Malta f'incident awtomobilistiku li sehh fit-30 ta' Awissu, 2000 bejn il-konvenut bil-vettura EAD 053 u l-vettura tal-Gvern GVH 260 fejn l-istess incident sehh unikament minhabba traskuragni u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Ra r-Risposta li fih il-konvenut jghid li ma kienx tort tieghu izda unikament bi htija ta' Vincent Vella li kien qed isuq il-

vettura GVH 260 u ghalhekk ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-attur.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra r-Road Accident Report fejn Vincent Vella qal li kien qed jirriversja lejn il-parking bay u f'daqqa wahda wahda gie trailer u dahal fuq quddiem tal-vettura. Saviour Scerri qal li kien qed isuq ghal Marsa fejn f'daqqa wahda l-vettura GVH 206 li kienet sejra lejn il-park fil-parking bay dahlet fil-genb tal-vettura tieghu EAD 053.

Ra x-xhieda ta' Joseph Brincat, prodott mill-konvenut, fejn esebixxa seba' ricevuti in konnessjoni ma' din il-habta.

Ra x-xhieda ta' Vincent Vella, prodott mill-attur, fejn qal li kien qed jirriversja u kif ezatt kwazi dahal, u prova jidritta, ghadda trailer u qabdu mir-rota ta' wara. Jghid ukoll li qabel ma prova jipparkja kien xeghel l-indicator. Vella jghid li mill-iskizz jidher li hu kien se jahbat mal-bankina pero' ma kienx il-kaz ghaliex it-trailer kien laqat il-vettura. Vella kellu l-hsara fuq quddiem fuq il-genb tal-lemin u t-trailer ma kellu l-ebda hsara. Jikkonferma li ma kien ra l-ebda vettura warajh meta beda jirriversja. Jichad li fil-mument tal-habta kien qed isuq ghal quddiemu izda jghid li fil-mument tal-habta "kont ghadni nirriversja". Jikkonferma li qabel il-habta t-trakk lahaq ghaddieh u habat go fih bil-parti ta' wara tat-trakk. Ma jaqbilx mal-iskizz billi kien jhoss li kien ghadu aktar il-gewwa milli muri fuq l-iskizz.

Ra x-xhieda ta' Saviour Scerri fejn qal li kien niezel bil-mod u minn xi 80 pied il-boghod ra l-vettura GVH 206 tipparkja ghalhekk tah cans jipparkja u kif rah ipparkja baqa niezel. Waqt li kien niezel semgha ghajta u qalulu li kien laqat van. Scerri jaqbel mal-iskizz. Jikkonferma li halla xi tlett piedi distanza bejnhu u bejn il-vettura GVH 206, u meta grat il-habta kien qabad il-liwja biex idur. Jghid ukoll li kieku l-karozza ma kienetx ipparkjata hu kien jahbat maghha bil-quddiem u mhux b'wara. Jghid li ma setghax jaqbzu waqt li kien qed jipparkja ghaliex fuq in-naha l-ohra kien hemm karozzi pparkjati.

Ra li fir-Road Accident Report PS 1338 kiteb hekk dwar il-versjonijiet tal-partijiet:

Car no. GVH 260: “reversed due to parking bay and all of a sudden came the trailer and hit my vehicle on my front part”.

Trailer EAD 053: “Was proceeding through the bend towards Marsa and all of a sudden the vehicle which was going to park in the parking bay hit my vehicle on the rear side”.

Meta xehed Vincent Vella qal li “kif kwazi dhalt, u dan biex nidritta, ghadda trailer of qabditni mir-rota ta’ wara”. Vincent Vella qal ukoll li qabel ma beda jirriversja hares lura u ma ra ebda vettura warajh u dan ghalkemm kellu vizwali fit-tul. Vella qal li fil-mument tal-habta kien qed jirriversja izda ma kienx ra lill-trailer.

Il-konvenut qal li ra lil Vella jipparkja u kif ipparkja Vella baqa niezel imbaghad semgha xi hadd jghajjat.

Huwa maghruf li “f’kawzi civili l-attur li jallega li xi haga gralu b’tort tal-konvenut irid jipprova huwa a sodisfazzjon tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jgibx dina l-prova l-azzjoni tieghu ma jistax ikollha ezitu favorevoli, anke jekk il-konvenut ma jipprovax – ghaliex legalment mhux obbligat li jipprova – li l-incident ikun gara tort tal-attur. Dan mhux ghaliex it-tort ghall-incident ikun tal-attur imma sempliciment ghaliex ma jkunx irnexxielu jipprova dak li allega bhala bazi tal-azzjoni tieghu (Noel Mallia noe Vs Alphonse Anastasi PA 3/10/1996). Fil-kawza fl-ismijiet E. Zammit Vs E. Petrococchino deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta’ Frar, 1952 inghad: “il-gudikant fil-kamp civili ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu meta dan jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabiltajiet”.

Mill-provi ma jirrisultax li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident. Illi l-konvenut kien qed jirriversja izda ma kienx ra lit-trailer. Dan ifisser li l-konvenut ma kienx qed izomm a proper look out meta kien qed jirriversja fit-triq. Illi t-trailer lahaq ghadda kwazi kollu fil-mument tal-habta. Il-versjoni ta’ Vella mhux konvincenti.

Ghaldaqstant, jichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------